OMBUDSMAN

MALTA

**Rapport dwar Każ Nru OMB-24-4570**

Dan huwa rapport wara investigazzjoni li saret fuq ilment tal-Azzjoni Kattolika Maltija kontra l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

***L-ilment***

1. L-Azzjoni Kattolika Maltija (AKM) permezz tal-President Ġenerali tagħha, is-Sinjorina Marija Cachia, bagħtet ilment lill-Ombudsman kontra l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn ilmentat li l-Ministeru kien ta jew ħallas grants lil diversi media houses imma ma tax dan il-benefiċċju lill-gazzetta 'Il-Leħen' ippublikata mill-AKM.

2. Il-benefiċċju li l-Ministeru ħallas kien fl-isfond ta' għajnuniet li l-Gvern iddeċieda li jagħti lill-pubblikaturi tal-gazzetti biex tkopri parti mill-ispejjeż tal-pubblikazzjoni. Din l-għajnuna ma ngħatatx lill-AKM li tippublika 'Il-Leħen' li qabel kienet imsejħa 'Leħen is-Sewwa'. Għaldaqstant, l-AKM kitbet lill-Prim Ministru biex hi wkoll tibbenifika minn din l-għotja. Saru wkoll mistoqsijiet Parlamentari fejn kien ikkonfermat li eluf ta' euro ġew mgħoddija lill-media houses diversi imma mhux lill-AKM.

3. Saret ukoll laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici. Il-laqgħa ma solviet xejn u allura l-AKM ħasset li kellha tilmenta mal-Ombudsman.

***Fatti***

4. Dan l-Uffiċċju kkomunika l-ilment mal-Ministeru imsemmi fejn talbu għall-kummenti u informazzjoni dwar l-allegazzjoni li AKM għamlet, ċioè ta' trattament inġust u diskriminatorju fil-konfront tagħha.

5. F'laqgħa li l-uffiċjali tal-Ministeru kellhom f'dan l-Uffiċċju ġie kkonfermat u dokumentat li l-media houses li bbenefikaw mill-għotjiet kienu:

i. Media.Link Communications (Medialink);
ii. Union Print Co Ltd (Union Print);
iii. Sound Vision Print (SVP);
iv. Media Today (MT);
v. Allied Newspapers (Allied); u
vi. Standard Publications Ltd (SP).

6. Sar ftehim formali bejn is-sitt media houses iffirmat mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru fl-1 ta' Ottubru 2023. L-ewwel premessa tal-ftehim tgħid li l-media houses kienu:

> "*… kollha entitajiet u negozji involuti fil-qasam tal-ġurnaliżmu stampat, li għandhom l-għan li jippromwovu l-ġurnaliżmu, il-libertà tal-kelma, l-għarfien politiku u ġrajjiet kurrenti f'Malta u internazzjonalment*".

Huwa iddikjarat ukoll li l-Gvern ta għajnuna finanzjarja minħabba:

> "*… talbiet marbutin mal-għan …* [tal-media houses] *u dana anke fid-dawl taż-żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-karta li fuqha jiġi stampat u mitbugħ ix-xogħol ġurnalistiku …*".

7. L-obbligu tal-Gvern skont klawsola 4.1 kienet ta' €500,000 fis-sena li kellha tinqasam pro-rata skont il-figuri li ġew inklużi mal-ftehim bħala Dok A.

8. Ir-raġuni li l-AKM ma ngħatatx għajnuna finanzjarja kienet:

> "*… the Grant was given to media houses that report current news and Azzjoni Kattolika does not publish 'current news'*".

Il-Ministeru wasal għall-konklużjoni li 'Il-Leħen' ma tippublikax "*current news*" hekk:

> *"Kindly note that* [Il-Lehen] *does not publish what is defined as current news when it comes to this scheme and lifestyle and opinion articles are not defined as journalism".*

Il-Ministeru qal ukoll:

> "*As indicated by the Malta Archdiocese on their website …* 'Il-Leħen' *is published every Sunday and thus is not considered as a newspaper that publishes current news*".

***Konsiderazzjonijiet u kummenti***

9. L-għan iddikjarat tal-Gvern kien li jgħin lill-media houses. Dan kien għan utli u tajjeb. Is-sussidju jew grant li ammonta għal nofs miljun euro tqassam proporzjonalment bejn il-media houses fil-ftehim skont il-prezz ta' l-istampar u n-numru ta' impjegati.

10. Madanakollu, wieħed irid iħares lejn ir-raġunijiet li ngħataw biex l-AKM ma tingħatax għajnuna finanzjarja fosthom li mhix gazzetta li tippubblika aħbarijiet kurrenti u li toħrog darba fil-ġimgħa, il-Ħadd. Inoltre intqal ukoll li dak li tippubblika 'Il-Leħen' ma jistax jitqies bħala ġurnaliżmu. Dawn ir-raġunijiet ma tantx ireġġu. Dak li hu ġurnaliżmu m'huwiex biss li hekk imsejjaħ "*current news*" imma jikkonsisti f'ferm aktar. Anke meta taqra ġurnali li joħorġu darba fil-ġimgħa li di natura ma jistgħux ikollhom kontenut illimitat ta' aħbarijiet kurrenti, ma tantx tista' tgħid li dawn ma jaqgħux taħt il-kappa ta' "*ġurnaliżmu*".

11. Il-ftehim imsemmi qabel jgħid hekk fit-tielet premessa tiegħu:

> "*Il-Gvern wara li ra l-ħtieġa u fl-interess tal-libertà tal-espressjoni u tal-kelma, aċċetta li joffri l-assistenza u s-sapport neċessarju sabiex ix-xogħol fuq il-medja stampata ma jsofrix żidiet fil-prezz li jwasslu għall-probabbli tnaqqas ta' ċirkolazzjoni tal-istess medja stampata. U li tagħti sostenn għall-operat tal-media houses ibbażat fuq in-numru ta' impjegati full time u part-time li huma ġurnalisti li jaħdmu fuq il-gazzetti stampati skont l-iskeda annessa, in-numru u l-kobor tal-gazzetta skont l-iskeda annessa*".

Hawnhekk il-ftehim jgħid li l-Gvern ħoloq din l-għajnuna finanzjarja b'fondi naturalment ġejjin mit-taxxi tan-nies "*fl-interess tal-libertà tal-espressjoni u tal-kelma*". Imma l-Gvern ma rax il-ħtieġa li dan id-dritt u obbligu jinkludi lill-AKM.

12. Fl-investigazzjoni sirna nafu li l-koordinazzjoni ta' dan il-proġett sar mis-Sur Saviour Balzan. Fi kliem il-Ministeru:

> "*Mr Saviour Balzan's involvement was chosen by the publishing houses to be the lead and represent the same that originally requested for this grant and that is why he was directly involved*".

Huwa ċar għalina li dan l-individwu kien il-prinċipal tal-proġett magħżul mill-media houses imma li ma jinkludix waħda mill-media houses fil-pajjiż, jiġifieri l-AKM. Kien x'kien l-involviment tas-Sur Balzan u kien x'kien dak li issuġġerixxa, id-deċiżjoni aħħarija kienet tal-Gvern.

13. Il-gazzetta 'Il-Leħen', qabel 'Leħen is-Sewwa', hi l-eqdem gazzetta f'Malta li għadha tiġi pubblikata. L-ewwel edizzjoni ħarġet fl-1 ta' Settembru 1928. Kienet toħroġ u għadha toħroġ darba fil-ġimgħa għajr għall-perjodu 1936 sal-1943 meta kienet toħroġ kuljum. Mill-qari ta' diversi kopji ta' din il-gazzetta hu ċar li 'Il-Leħen' ikollha kummentarji u aħbarijiet fuq qosma kulturali, politiċi u edukattivi tas-soċjetà Maltija u barranija. Allura, dak li jingħad li din m'hijiex gazzetta u li ma tippubblikax ġrajjiet kurrenti mhux għal kollox korrett. Naturalment, huwa rikonoxxut li l-orjentazzjoni tagħha hija waħda Kristjana u Kattolika. Kull gazzetta għandha ċerta xejriet – liberali jew konservattiva, politika, nazzjonali u internazzjonali u, għala le, reliġjuża u morali. Il-gazzetta 'Il-Leħen' li hija pubblikazzjoni tal-AKM għandha xejra li tagħti spazju miftuħ lir-reliġjon

Kattolika u aħbarijiet tal-Knisja inkluż il-Papa li huwa mhux biss il-Kap tal-Knisja Kattolika imma l-Kap tas-Santa Sede jew l-Istat tal-Belt Vatikana.

14. Il-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 2 tgħid:

> "*(1) Ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana.*
>
> *(2) L-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika Apostolika Rumana għandhom id-dmir u l-jedd li jgħallmu liema prinċipji huma tajbin u liema huma ħżiena.*
>
> *(3) It-tagħlim reliġjuż tal-fidi Kattolika Apostolika Rumana għandu jkun provdut fl-iskejjel kollha tal-Istat bħala parti mill-edukazzjoni obbligatorja*".

F'dan il-każ m'aħnix qed nitkellmu dwar kif il-Knisja f'Malta għandha tgħallem il-prinċipji tal-Fidi Kattolika u lanqas fuq it-tagħlim reliġjuż fl-iskejjel. 'Il-Leħen' m'hijiex pubblikazzjoni tal-Knisja, tant hu hekk li kien fl-1931 li din għaddiet f'idejn l-AKM mid-Djoċesi ta' Malta. Din il-gazzetta hija wkoll imniżżla fil-lista uffiċjali tad-Dipartiment tal-Informazzjoni bħala gazzetta maħruġa f'Malta. Dan ifisser li l-Gvern stess jirrikonoxxiha bħala gazzetta bona fede.

15. Ir-relevanza tal-Artikolu 2(1) tal-Kostituzzjoni hija li r-reliġjon ta' Malta hija dik Kattolika. Biex wieħed jamplifika fuq dan, il-punt li qiegħed isir għamlitu l-Qorti Kostituzzjonali meta fil-każ ta' Ben Hassine Ben Ali Wahid vs il-Prim Ministru et (7 ta' Novembru 2016), qalet hekk:

"*L-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ma huwiex għajn ta' drittijiet soġġettivi iżda jagħti rikonoxximent ġuridiku lil stat ta' fatt storiku u ċioè li r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana hija dik imħaddna mill-maġġoranza kbira tal-poplu Malti. L-Istat ta' Malta, iżda, skont il-Kostituzzjoni ma hux fondat fuq ir-Reliġjon imsemmija iżda hu bażat fuq il-prinċipju tad-demokrazija u fuq ix-xogħol u r-rispett tad-drittijiet fundamentali*".

B'dan huwa ċar li l-Istat jista' jimxi, jekk irid, kontra l-prinċipji tal-Fidi Kattolika imma fl-istess ħin il-Kostituzzjoni tirrikonnoxxi li din ir-reliġjon hija "*imħaddna*" mill-Maltin u għandha rikonoxximent Kostituzzjonali.

16. B'hekk isegwi li gazzetta li hija ppublikata minn organizzazzjoni Kattolika ma tistax tiġi eskluża minn xi għajnuna li l-Gvern jogħġbu jagħti lill-pubblikazzjonijiet oħrajn li huma għandhom ftit jekk mhux xejn fil-prinċipji tal-Fidi Kattolika u l-moralità Kristjana.

17. Apparti minn dan hemm id-dritt għall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni. L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jgħid li ebda persuna ma tista' tiġi trattata b'mod diskriminatorju minħabba xi liġi jew fil-funzjonament amministrattiv ta' xi uffiċjal pubbliku jew awtorità pubblika. Hemm artikoli analogi fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja. Il-persuna li tissemma fil-liġi m'hijiex persuna fiżika biss imma anke persuna legali bħalma hija l-AKM.

18. L-AKM għandha kull dritt bħal ħaddieħor li tlaħħaq mal-ispejjeż tal-pubblikazzjoni tal-gazzetta tagħha. Il-gazzetta tagħha hija utli għal poplu Malti u jkun ta' sfreġju jekk tieqaf. Il-Gvern m'huwiex obbligat li jgħin lil

ebda media house bħalma mhux obbligat li joħroġ flejjes għal affarijiet li m'humiex ta' utilità għal Malta jekk mhux ukoll ta' dannu. Imma, la darba ddeċieda li joħroġ €500,000 biex itaffi l-ispejjeż tal-media houses għandu jittratta lil kull media house l-istess.

19. Trattament b'kejl indaqs japplika għal kull sfera amministrattiva u pubblika. Meta jkun hemm ħtieġa ta' trattament differenti, dan irid ikun ibbażat fuq kriterji oġġettivi. Din ġiet aċċettata mill-Qrati Maltin u l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani. Hemm bżonn li wieħed jistaqsi jekk il-kriterju oġġettiv kien jekk 'Il-Leħen' ikolliex "*current news*"?

20. L-għotja ta' flejjes pubbliċi lill-gazzetta 'Il-Leħen' ma saritx għaliex il-Ministeru deherlu li l-gazzetta m'għandix kontenut ampju biżżejjed dwar "*current affairs*". M'hemmx indikazzjoni kif wasal għalija u allura m'hemm l-ebda kriterju oġġettiv għad-deċiżjoni amministrattiva li ħa. Qisu l-ġurnaliżmu ta' din il-gazzetta ma jiswix. Qisu gazzetta trid toqgħod tippublika aħbarijiet biss fuq affarijiet mondani fejn il-qasam spiritwali u reliġjuż ma jsibx postu. Kważi ċensura allura. Il-Gvern isostni li din għandha tinkludi "*current affairs*" li suppost ifisser li gazzetta tista' tirċievi sussidji mil-fondi pubbliċi jekk titkellem biss fuq affarijiet li jiġru kuljum imma basta mhux fuq il-Knisja u suġġetti spiritwali li huma ta' interess għall-poplu Malti.

***Konklużjoni u rakkomandazzjoni***

21. Il-Gvern għandu jirrispetta l-libertà tal-espressjoni u għaldaqstant huwa obbligat li jagħti għajnuna lill-media house li hija affilljata imma awtonoma mid-Djoċesi ta' Malta. B'hekk huwa naturali li 'Il-Leħen'

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

tikkonċentra fuq suġġetti djoċesani u reliġjużi. B'daqshekk ma jfissirx li hija irrinunzjat għal dak li l-Ministeru jsejjaħ "*current affairs*". Hemm ukoll il-fatt li l-Azzjoni Kattolika hija għaqda mhux governattiva rreġistrata mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji. Hija "*non-profit organisation*" li ċertament tħoss b'mod akut l-ispejjes li hemm fil-pubblikazzjoni ta' gazzetta. Altru li l-prinċipju ta' trattament ugwali għandu postu hawn hekk.

22. Mill-evidenza u informazzjoni li nġabret u anke b'ammissjoni tal-Ministeru stess, kien hemm persuna privata li ħadet l-inkarigu li tikkoordina u tkellem lill-Gvern biex jagħti l-għajnuna. Dan l-Uffiċċju ma jistax jikkonferma jekk din il-persuna għaddietx ir-rikjesta tal-AKM li tiġi mgħejjuna wkoll. Kien x'kien l-inkarigu li assumiet, il-Ministeru bħala awtorità governattiva u fl-interess pubbliku messu ħa aktar ħsieb li ma tikkrejax anomaliji u tiddiskrimina in effetti kontra l-AKM.

23. Insib li l-allegazzjoni tal-AKM li l-Ministeru mexa b'mod inġust u diskriminatorju huwa ġustifikat. Nirrakkomanda li l-Ministeru jħallas wara kalkolazzjoni retta li hemm bżonn lill-AKM bħala għajnuna finanzjarja fid-dawl tal-iskema li ġiet formalizzata mill-ftehim tal-1 ta' Ottubru 2023.

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

27 ta' Mejju 2025